MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 14/2006/1

**Maltacom p. l. c.**

**vs**

**Motherwell Bridge Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-13 ta' Jannar 2006 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, mitejn u erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm4,240.68) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' Telex 1046 MBM MW (ATLX

118/85) skond kopja tieghu anness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-avviz ghas-smiegh, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

Illi preliminarjament is-socjeta’ konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza stante illi l-kuntratt tas-16 ta’ Dicembru 1996 esebit mis-socjeta’ attrici stess u li a bazi tieghu qeghda issir it-talba attrici kien iffirmat mas-socjeta’ TRM Limited u mhux mas-socjeta’ konvenuta;

Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-Artikoli 2148(f) u/jew 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fil-meritu l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici jirreferi ghal servizzi illi qatt ma gew ipprestati lis-socejta’ konvenuta;

Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba jigi pruvat illi s-socjeta’ attrici pprestat xi servizzi lis-socjeta’ konvenuta allura s-socjeta’ attrici trid tipprova ‘item’ wiehed wara l-iehor kif waslet ghall-ammont mitlub bhala hlas ghal dawn l-ellegati servizzi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta qeda tqajjem ostakolu ghall-azzjoni attrici fis-sens illi ma kinitx hi li kkuntrattat mas-socjeta’ konvenuta, izda socjeta’ ohra bl-isem TRM.

Irrizulta mill-provi li t-telex in kwistjoni, bin-numru 1046 MBM kien mikri lis-socjeta’ Motherwell Bridge Malta Limited u b’kuntratt separat tas-16 ta’ Dicembru 1996, is-socjeta’ Motherwell Bridge Malta Limited ghamlet ftehim mall-Maltacom ghall-kiri tat-telex in kwistjoni, pero’ din id-darba fl-indirizz 52, il-Pjazzetta, Tower Road, Tas-Sliema, illi huwa l-istess indirizz ta’ TRM Limited.

Skond dokument iffirmat mis-segretarju tas-socjeta’ Motherwell Bridge Malta Limited, is-sur Joseph Zammit Pavia [fol 23], “TRM Limited is an affiliate company of Motherwell Bridge Malta Limited.” F’dan l-istess dokument s-sur Zammit Pavia qieghed jitlob illi l-kontijiet u l-korrispondenza dwar it-telex in kwistjoni jintbaghtu ghand it-TRM Limited, Tower Road, Sliema. Is-socjeta’ attrici laqghet din it-talba u fil-fatt il-kontijiet kienu jintbaghtu f’dak l-indirizz.

Jidher li f’dan il-kaz hemm daqsxejn ta’ konfuzjoni bejn Motherwell Bridge Malta Limited u TRM Limited. Il-fatt li din ta’ l-ahhar hija affiljata ma’ Motherwell Bridge Malta Limited turi li din il-konfuzjoni hija aktar manifestata. Minkejja dak illi qal s-sur Zammit Pavia, illi dawn huma zewg kumpaniji diversi, b’*shareholders* differenti, jibqa’ l-fatt illi hemm konnessjoni vicin hafna bejn iz-zewg kumpaniji. U fil-waqt li s-sur Zammit Pavia dejjem talab ghat-*transfer* tat-telex minn ufficcju ghal iehor u li l-kontijiet kellhom jintbaghtu lill-TRM Limited, imkien ma talab li l-*hirer* kellu jinbidel minflok Motherwell Bridge Malta Limited ghall-TRM Limited. Ghalhekk il-ftehim tac-*change of address* tas-16 ta’ Dicembru 1996 jibqa vigenti u dejjem juri li *hirer* hija s-socjeta’ Motherwell Bridge Malta Limited, is-socjeta’ konvenuta.

Il-fatt li s-socjeta' TRM Limited kienet qeda thallas il-kontijiet ma jfissirx illi dina kienet qeda tassumi d-dejn ta' Motherwell Bridge Malta Limited. Kif gie riportat fil-kawza Zammit vs Frendo Azzopardi [Vol. XXXI P3 p 257], "Biex ikun hemm il-figura guridika ta' assunsjoni ta' dejn, hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu minn jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, la mhux tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn." [ara wkoll Bonnici vs Cauchi Carter, Kummerc 6 ta' Ottubru 1986 u Vol. XLII P2 p 928]

Ghalhekk, id-debitur principali tibqa' s-socjeta' konvenuta Motherwell Bridge Malta Limited u issa din is-socjeta' ma tistax tinheba wara xi isem iehor biex ma thallasx dak illi hija obbligata thallas permezz tal-ftehim fuq imsemmi.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-ewwel eccezzjoni m'ghandhiex fondament u jisthoqq li tkun michuda.

Is-socjeta' konvenuta pero' qajmet ukoll eccezzjoni ta' preskrizzjoni fil-konfront ta' l-Art. 2148(f) u 2156(f) tal-Kodici Civili. Dik ta' l-ewwel tippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar, mentri l-ohra tippreskrivi terminu ta' hames snin. Il-Qorti jidhrilha li t-terminu applikabbli ghal dan il-kaz huwa l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili. Dana il-ghaliex it-talba tirrigwarda servizz moghti mis-socjeta' attrici u mhux biss ghall-kiri ta' l-apparat.

Fil-kawza John Scicluna noe vs Robert Spiteri deciza fil-5 ta' Novembru 1992, mill-Prim 'Awla tal-Qorti Civili intqal illi, " … il-kreditu ma hux dovut ghall-kiri ta' hwejjeg mobbli, izda ghal servizz tat-telefon. Il-kuntratt bejn id-dipartiment u bejn il-konvenut - subscriber – jirreferi ghall-servizz ta' telefon permezz ta' installazzjoni ta' taghmir jew apparat provdut mill-attur. Huwa veru li s-subscriber ihallas a charge ghall-kull telefonata u

kera ta’ l-installazzjoni ta’ l-apparat, izda dan ma jbiddilx in-natura tan-negozju li huwa wiehed ta’ servizz u l-hlas huwa biss mod kif jigi regolat il-kumpens ghal dan is-servizz.”

Irrizulta mill-provi li s-socjeta’ attrici qeda titlob il-hlas ta’ dan is-servizz minn Mejju 1997 sa’ Awissu 2004. Saret ittra ufficjali f’Lulju 2005 [fol. 18] liema ittra sservi ghall-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv sakemm gie pprezentat dan l-avviz fit-13 ta’ Jannar 2006. Pero’ minn Mejju 1997 sa’ Awissu 2004 ghaddew seba’ snin u ghalhekk erbgha minnhom huma preskritti.

Il-kont illi jidher a fol. 2 u 3 tal-process, li jkopri minn Lulju 2000 sa’ Awissu 2004 mhuwiex preskritt u skond il-kalkoli li ghamlet din il-Qorti, dan il-kont iwassal ghall-ammont ta’ elfejn, tliet mija u disgha u tletin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm2,339.89). Ghalhekk, il-Qorti sejra tilqa’ parti mill-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni imqajjma mis-socjeta’ konvenuta li jkopri l-perjodu bejn Mejju 1997 sa’ Lulju 2000. Il-bqija tat-tatbiet tas-socjeta’ attrici, kif inghad, mhumiex preskritti u jisthoqq li jkunu milqugha.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ parti mill-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta’ konvenuta u cioe’ bejn Mejju 1997 sa’ Gunju 2000, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas is-somma ta’ elfejn, tliet mija u disgha u tletin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm2,339.89), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ telex bin-numru 1046 MBM bejn il-perjodu ta’ Lulju 2000 sa’ Awissu 2004, skond il-kont li jidher a fol. 2 u 3 tal-process.

Bl-ispejjez, li ghandhom jithallsu ghal nofs bejn kull parti.”

Bl-appell taghha minn din id-decizjoni s-socjeta` konvenuta tipproponi dawn l-aggravji:-

(1) L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecediet illi l-ittra ufficjali interrompiet il-preskrizzjoni. Hi tadduci dan bl-argoment illi ma tressqetx prova illi dan l-att gudizzjarju gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti u aktar minn hekk, illi l-istess att gie hekk notifikat lilha;

(2) L-ewwel Qorti kienet ukoll errata, kemm fattwalment kif ukoll bhala punt ta' dritt, meta rragunat u kkonkludiet illi hi kienet il-legittimu kontradittur *di fronte* ghat-talba kreditrici tas-socjeta` attrici appellata;

Fil-konsiderazzjoni ta' l-ewwel aggravju huwa l-ewwelnett pacifiku illi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni opposta tesigi li din tigi proposta b' mod car u dirett, u b' mod inekwivokabbli li turi l-intent li s-socjeta` attrici qeghda tikkuntrasta l-eccezzjoni avversarja. Jikkonsegwi illi meta attur jippuntella l-ksur tal-preskrizzjoni fuq il-bazi ta' att gudizzjarju kif imfisser fl-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili, il-prova li *di regola* jehtieglu jaghmel mhix dik tal-mera produzzjoni ta' kopja informi ta' l-istess att, imma, invece, dik tal-kopja formali taghha li turi li l-att gie debitament intavolat fir-Registru tal-Qorti u notifikat lill-kontro-parti, debitur tieghu. Naturalment, kif ukoll assodat, billi fatt jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju hu ammess illi l-prova tar-registrazzjoni ta' l-att u tan-notifika tieghu tista' tirrizulta wkoll *aliunde* minn atti ohra, purke tissodisfa lill-gudikant. Hekk fil-kaz prezenti, tali prova hi, konvincentement, esptrapolata mit-twegiba ghall-ittra ufficjali (13 ta' Lulju 2005), kif manifest mill-ittra responsiva ta' l-1 ta' Awissu 2005 (fol. 21) mibghuta mill-konsulent legali tas-socjeta` konvenuta appellanti. Ghal kull bwon fini, anke jekk issa f' din is-sede, id-dokument esebit mar-risposta ta' l-appell jevidenzja illi l-ittra ufficjali intbaghtet u giet ukoll notifikata. Manifestament, dan id-dokument u dik l-ittra responsiva huma ghal Qorti prova sufficcjenti ta' l-effetti ostatativi ta'

l-operativita` tal-preskrizzjoni eccepita. Ghal din ir-raguni, l-ewwel aggravju qed jitqies inattendibbli;

Huwa xieraq illi ghall-ezami tat-tieni aggravju jigu replikati dawn il-fatt li jsegwu:-

(i) L-atti juru li t-*telex apparata* gie kkuntrattat l-ewwel darba mis-socjeta` konvenuta fl-1992 (ara fol. 32 sa fol. 34);

(ii) Fl-1995 gie akkordat illi l-*billing* tat-Telex (Nru. 1046 MBM) jibda jsir lil Motherwell Bridge Industrial Services Ltd (ara *fax* a fol. 35). Skond Joseph Zammit Pavia, Segretarju tal-kumpanija konvenuta, dan sar minhabba l-ligijiet fiskali tal-VAT u biex l-*overheads* taz-zewg kumpaniji jigu trasferiti fuq kumpanija wahda. Dejjem skond dan ix-xhud u in referenza ghat-Telex, “kienu l-kontijiet biss illi kellhom jigu *transferred*, imma mhux l-*ownership*” (ara deposizzjoni tieghu a fol. 137 *et sequitur*);

(iii) B’*fax* tal-5 ta’ Dicembru 1996 (ara kopja a fol. 22) is-socjeta` konvenuta talbet li t-*telex machine* tigi trasfeita minn Corradino Industrial Estate fejn kellha l-istabiliment taghha ghal fond f’ tas-Sliema operat mis-socjeta` affiljata TRM Limited. Ara wkoll dokument datat 16 ta’ Dicembru 1996 a fol. 4. Din giet konsegwita b’ ittra tas-26 ta’ Frar 1997 (fol. 23) li permezz taghha s-socjeta` attrici giet istruwita biex il-korrispondenza u l-*billing*, riferibilment ghall-istess Telex, tigi indirizzata lil din l-ahhar imsemmija socjeta`;

Is-socjeta` appellanti tissottometti illi hi ma kellhiex titqies il-legittimu kontradittur u, allura, debitrici ta’ l-ammont tal-kreditu reklamat ghaliex il-kontrattazzjoni kienet mis-socjeta` TRM Ltd u mhux maghha, tant li l-kontijiet kienu jintbaghtu lil din, *qua* utenti tat-Telex. Ma’ dan ir-ragonament din il-Qorti, rispettosament, ma taqbelx. Fl-isfond tal-provi prodotti ntwera li r-relazzjoni kuntrattwali sa mill-1992 kienet esklusivament mas-socjeta`

konvenuta u din kienet, u baqghet, l-unika *hirer* tal-*telex machine*. Huwa veru li ntalab, u jidher li gie accettat ukoll mis-socjeta` attrici, illi l-kontijiet jintbaghtu lil TRM Limited imma f' dan ma kien hemm xejn gdid li ma kienx sar precedentement fil-kaz tal-kumpanija l-ohra affiljata Motherwell Bridge Industrial Services Ltd. Din ix-xorta ta' negozji guridici trilaterali kollegati flimkien mhix xi haga gdida bil-kumpanija l-wahda tibqa' ghall-effetti kontrattwali mal-kreditur il-*hirer* rikonoxxuta u l-ohra delegata biex thallas il-kontijiet, anke jekk din ukoll fl-istess waqt tkun qed taghmel uzu mill-apparat mikri;

Isegwi mill-konsiderazzjoni maghmula illi s-socjeta` konvenuta baqghet l-abbonata responsabbli ghall-kontijiet tas-servizz provvdut bit-Telex u, konsegwentement, ir-reklam tas-socjeta` attrici ghall-hlas gie sew dirett u eskogitat minghandha. F' qaghda bhal din il-Qorti taghmel taghha l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fid-decizjoni taghha tat-30 ta' Marzu 2001 in re: "**Korporazzjoni Telemalta -vs- Tony Cardona *et***":-

> "Hu ghal kollox irrelevanti ghall-Qorti l-uzu li bhala fatt kien qed isir mil-linja in kwestjoni (servizz tat-*telephone* f' dan il-kaz). Lanqas hi rilevanti x' relazzjoni kien hemm interna bejn l-appellanti u l-kjamata in kawza u x' kienet ir-raguni ghaliex il-linja telefonika kienet giet trasferita ghall-fond iehor fuq struzzjonijiet ta' l-appellant. Dawn il-fatturi kienu ghall-Korporazzjoni attrici appellata *res inter alios acta* u hekk kellha tqishom il-Qorti";

Kull kumment agguntiv iehor ma jistax hlief ikun superfluwu. Ghaldaqstant il-Qorti ser tirrespingi wkoll it-tieni aggravju.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------